

Brussell, 13 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14969/21

COH 78
FIN 975
SOC 734
CADREFIN 469

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	13 ta' Diċembru 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14608/21	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 24/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni fil-politika ta' Koeżjoni: ambizzjonijiet siewja, iżda kien għad hemm ostakli fil-perjodu 2014-2020 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (13 ta' Diċembru 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 24/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni fil-politika ta' Koeżjoni: ambizzjonijiet siewja, iżda kien għad hemm ostakli fil-perjodu 2014-2020", approvat mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fit-3839 laqgħa tiegħu fit-13 ta' Diċembru 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 24/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

Finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni fil-politika ta' Koeżjoni: ambizzjonijiet siewja, iżda kien għad hemm ostakli fil-perjodu 2014-2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 24/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u t-tweġibiet tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport);
- (2) JINNOTA li l-awditu tal-Qorti vvaluta d-disinn, l-użu u l-impatt ta' tliet elementi mmirati lejn it-tisħiħ tal-orjentazzjoni tal-prestazzjoni tal-politika ta' koeżjoni fil-perjodu 2014-2020: il-kundizzjonalitajiet ex ante, ir-riżerva u r-rieżami tal-prestazzjoni u l-mudelli ta' finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni (Pjanijiet ta' Azzjoni Konġunti, Finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż u tliet tipi ta' Għażliet ta' Spejjeż Simplifikati);
- (3) IFAKKAR li l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej kienu l-ewwel strumenti ta' finanzjament tal-UE li introduċew qafas ta' prestazzjoni bbażat fuq indikaturi li jistgħu jitkejlu;
- (4) JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi ppreservat u żviluppat aktar it-titjib tal-orjentazzjoni tal-prestazzjoni tal-politika ta' koeżjoni bħala pass importanti lejn il-kultura tal-prestazzjoni fl-implimentazzjoni tal-politika u HUWA TAL-FEHMA li t-tliet elementi eżaminati kellhom il-potenzjal li jinċentivaw il-prestazzjoni;
- (5) JIRRIKONOXXI li l-ħidma tal-awditu kopriet il-perjodu sa Diċembru 2020 iżda ma indirizzatx ir-riallokazzjonijiet tal-baġit li saru fl-2020 bi tweġiba għall-pandemija tal-COVID-19 u JILQA' l-fatt li r-Rapport jidentifika wkoll riskji u opportunitajiet għall-perjodu 2021-2027;

(6) JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport, b'mod partikolari li:

- Il-kundizzjonalitajiet ex ante ma ġewx indirizzati dejjem fil-ħin u l-valutazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni mhux dejjem kienet konsistenti minħabba kriterji wiesgħa li jħallu lok għall-interpretazzjoni. Dawn tfasslu bħala eżerċizzju ta' darba u l-impatt tagħhom fuq l-effettività fit-tul tal-infiq ma ġiex ivvalutat kompletament;
- Rigward l-allokazzjoni tar-riżerva ta' prestazzjoni, il-fatt li l-leġiżlazzjoni li tipprovdi l-kundizzjonijiet u l-kriterji għat-twettiq tar-rieżami tal-prestazzjoni nbidlet f'nofs il-perjodu tal-programmazzjoni, wasslet għal aktar flessibbiltà għall-Istati Membri;
- Dwar il-mudelli ta' finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni, l-Għażliet ta' Spejjeż Simplifikati kienu l-uniku mudell ta' finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni li ntuża b'mod wiesa' fil-perjodu 2014-2020; L-inċertezza tal-Istati Membri dwar kif għandhom jiġu implimentati l-Pjanijiet ta' Azzjoni Konġunti u l-Finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż u n-nuqqas ta' ċarezza dwar ir-rekwiżiti ta' kontroll u ta' awditu tagħhom, xekklu l-użu tagħhom;

(7) JAPPOĠĠA r-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-Qorti:

- Isir l-aħjar użu mill-kundizzjonijiet abilitanti fil-perjodu 2021-2027;
- Titħejja kmieni l-bażi għal rieżami effettivi ta' nofs it-terminu għall-perjodu 2021-2027;
- Jiġu kkjarifikati r-regoli li fuqhom huwa bbażat il-mudell ta' "finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż";
- Jiġi kkjarifikat l-approċċ għall-għoti ta' assigurazzjoni dwar il-finanzjament tal-UE permezz tal-mudell ta' "finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż";

(8) JAQBEL b'mod ġenerali mat-tweġibiet tal-Kummissjoni dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li:

- Fil-qasam tal-kundizzjonalitajiet ex ante, id-defiċjenzi li nqalgħu fil-perjodu 2014-2020 ġew indirizzati fit-tfassil tal-kundizzjonijiet abilitanti għall-perjodu 2021-2027, prinċipalment billi l-eżerċizzju ta' darba ġie sostitwit b'monitoraġġ tal-issodisfar kontinwu tal-kundizzjonijiet abilitanti;

- Fir-rigward tal-qafas ta' prestazzjoni u r-riżerva ta' prestazzjoni, il-modifiki tal-kundizzjonijiet u l-kriterji applikabbli għar-rieżami tal-prestazzjoni kienu ġġustifikati mill-ħtieġa li jiġu indirizzati ċerti inkonsistenzi fir-regoli eżistenti li ma ppermettewx rappurtar preċiż tal-kisbiet;
- Rigward l-użu tal-mudelli ta' finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni, l-introduzzjoni tardiva tagħhom fil-perjodu ta' programmazzjoni u l-profil ġdid tagħhom kellhom impatt fuq l-adozzjoni limitata tagħhom;
- Ir-rieżami ta' nofs it-terminu fl-2025 introdott għall-perjodu 2021-2027 jikkostitwixxi pass 'il quddiem lejn kultura ta' prestazzjoni, li jiġbor flimkien sett ta' elementi kwalitattivi u kwantitattivi;

(9) IQIS li r-Rapport huwa kontribut f'waqtu u utli ħafna għall-implimentazzjoni effettiva tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2021-2027;

(10) JISTIEDEN lill-Kummissjoni:

- Timmonitorja regolarment l-issodisfar kontinwu tal-kundizzjonijiet abilitanti u tirrapporta dwar l-issodisfar mill-Istati Membri u l-attivitajiet ta' infurzar tagħha stess, fejn rilevanti;
- Tinforma lill-Istati Membri fi stadju bikri dwar l-approċċ li għandu jiġi applikat għar-rieżami ta' nofs it-terminu fl-2025;
- Tiċċara mal-Istati Membri kif l-awtoritajiet tal-ġestjoni u tal-awditu għandhom jitrattaw l-akkwist pubbliku u l-għajjnuna mill-Istat meta jużaw Finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż u l-mudelli ta' Għażliet ta' Spejjeż Simplifikati matul il-perjodu 2021-2027;
- Tiċċara mal-Istati Membri kif għandha tiġi żgurata l-adekwatezza tal-ammonti marbuta mal-issodisfar tal-kundizzjonijiet rispettivi jew il-kisba tar-riżultati, meta jintuża Finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż fil-kuntest tal-approvazzjoni jew l-emendar tal-programmi;
- Tikkondividi l-aħjar prattiki ta' mudelli ta' finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni, inkluż bejn il-fondi, biex tħeġġeġ u tgħin lill-Istati Membri jimplementawhom.